MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 603/2001/1

Avviz Nru:-603/01DM

Stefan Micallef

Vs

Jacqueline Apap

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas lill-istanti Lm778.24c danni in segwitu ghal incident stradali li sehh Haz-Zebbug fit-08.07.2000 bejn VW Polo nru NIC 239 misjuqa mill-istanti u Mazda van FAH 959 misjuqa mill-konvenuta.

Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident u danni minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi Lm11.50 ta' konsult, dawk tal-ittra ufficjali tal-31.03.01 u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifikat tal-avviz kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Jacqueline Apap fejn eccepiet illi:
1. It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt billi kien l-attur stess li kkaguna l-incident de quo billi qabad u irreversja ghal fuq il-konvenuta.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tat-18 ta' April 2002 fejn id-difensur tal-konvenuta iddikjara li m'ghandhux kontestazzjoni dwar id-danni izda biss dwar ir-responsabilta'.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghal dak li jirrigwarda l-fatturi u d-dettalji principali li wasslu ghall-kollizzjoni bejn il-vetturi misjuqa mill-kontendenti, ma hemmx divergenza partikolari bejn il-verzjonijiet moghtija mill-kontendenti.

Infatti l-partijiet jaqblu illi kienu qed isuqu t-tnejn gewwa Mdina Road, fil-limiti ta' Haz-Zebbug, fl-istess direzzjoni, bl-attur quddiem il-konvenuta. Jirrizulta wkoll illi l-istess vetturi kienu qeghdin jinsaqu fil-karreggjata tal-lemin ta' dik it-triq bi traffiku iehor mixji fuq il-karreggjata tax-xellug fl-istess direzzjoni. Jirrizulta wkoll illi kif l-attur ghadda minn faccata 'bus-stop' (indikat fuq l-isketch SM2 a fol 28 tal-process) huwa lemah habib tieghu u ddecieda illi jieqaf biex jabbieh fil-vettura tieghu.

Huwa minn hawn il-quddiem fejn il-kontendenti ma jaqblux.

Fil-waqt li l-attur isosstni illi huwa waqaf gradwalment u mbaghad iddecieda li jirriversja sabiex jidhol go ‘parking area’ li kien hemm fuq in-naha tal-lemin tieghu, u illi, kif kien ser jibda jghamel din il-manuvra, dahlet fih minn wara l-konvenuta bil-vettura taghha, il-konvenuta isosstni illi rat lill-attur jieqaf quddiemha fil-karreggjata taghha izda ma setghatx tevitah billi kien hemm vetturi qed juzaw il-karreggjata fuq ix-xellug taghha u sosstni li l-attur beda jirriversja u effettivament baqa’ diehel go fiha.

Il-konvenuta kienet waheda u pproduciet biss bhala xhud lill-gharus taghha Noel Borg, li setgha jzid biss illi wara l-habta semgha lill-attur jindika li effettivament kien qieghed jirriversja fil-karriggjata tal-konvenuta.

Minn-naha tieghu l-attur ipproduca zewg xhieda, li kienu passiggieri mieghu dik in-nhar, li lkoll ikkonfermaw illi l-attur kien verament waqaf fil-karreggjata tal-lemin ta’ Mdina Road Haz-Zebbug u effettivament kien intenzjonat ukoll li jindjetreggja sabiex jidhol go ‘parking area’ li kien hemm fuq il-lemin tieghu, izda intlaqat mill-konvenuta meta kien ghadu ma bediex jghamel il-manuvra ta’ indjetreggar.

Il-Qorti ghalhekk trid tara jekk il-verzjoni moghtija mill-attur timmeritax iktar kredibilita’ minn dik tal-konvenuta u tara wkoll jekk il-manuvri rispettivi li jirrizultaw li ghamlu l-konvenuti humiex ezenti minn responsabbilta ghall-kollizzjoni.

Ghandhu jinghad mill-ewwel illi huma nvoluti diversi principji ta’ sewqan prudenti f’dan il-kaz, senjatament dak illi ebda sewwieq m’ghandhu arbitrarjament jikkrea ostakolu ghat-traffiku li jista’ jkun qed juza warajh l-istess karreggjata tieghu, illi kull sewwieq m’ghandhux jisforza t-traffiku li gej minn warajh biex jaqilghu minn fuq in-naha tax-xellug, u illi kull sewwieq ghandhu jzomm ‘a proper look out’ il-hin kollu u jzomm distanza mill-vettura ta quddiemu li tkun ragjonevoli u dettata mic-cirkostanzi tal-

kaz sabiex f'kaz ta' emergenza u waqfien tat-traffiku quddiemu huwa jkun jista' jieqaf fil-hin.

Ghalhekk, ghalkemm jirrizultaw nuqqasijiet da parti tal-attur minhabba l-fatt biss illi huwa ghazel li jieqaf f'arterja principali tat-traffiku minghajr ebda raguni dettata minn xi emergenza fit-triq li kien qieghed juza, xorta wahda hemm indikazzjonijiet ta' responsabbilta' iktar serja da parti tal-konvenuta illi ma kienetx qeghdha jzomm distanza ragjonevoli mill-vettura tal-attur u ghalhekk ma waqfitx fil-hin meta l-attur ghazel li jghamel il-manuvra tieghu.

Izda biex tezimi ruhha minn kull responsabbilta', l-konvenuta sosstni illi l-attur, mhux biss waqaf f'arterja principali tat-traffiku minghajr ebda raguni valida u mhux biss waqaf fuq il-karreggjata tal-lemin ta' din it-triq, izda inoltre ghazel ukoll li jirriversja ghal go fiha waqt  li hi kienet qeghdha tipprocedi warajh.

Minn ezami tac-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta illi din il-verzjoni tal-konvenuta hija korroborrata minn diversi indizji li jirrizultaw mill-provi.

Infatti jidher mill-isketch (esibit a fol 28 tal-process), illi l-'parking area' illi fih l-attur jallega li ried jidhol b'lura, qieghed ezatt mal-lemin ta' fejn waqfet il-vettura tal-attur mal-habta.

Ghalhekk ma kien hemm ebda necessita' li l-attur jirriversja biex setgha jidhol u jieqaf fil-'parking area' u ma jostakolax it-traffiku ta' warajh; dan peress illi l-attur, matul il manuvra ta waqfien gradwali, kellhu il-hin kollhu il-'parking area' ***liberu*** fuq il-lemin tieghu u is-sewqan ghaqli kien jiddetta li waqt il-manuvra ta waqfien gradwali l-attur kellhu fl-istess waqt jdur lejn il-lemin biex b'ebda mod ma jostakola lill-konvenuta warajh.

Infatti, oltre r-rizultanza li l-post tal-parkegg kien liberu, jirrizulta li dan l-ispazju ma kienx ghadhu ssorpassat meta waqfet il-vettura ta'l-attur u fejn saret il-habta. Inoltre, meta tigi kkunsidrata ukoll id-distanza li fiha giet spostata l-quddiem il-vettura tal- attur, jirrizulta li, biex johrog mill-

karreggjata u jidhol gol-parking area, l-attur, minflok li jieqaf u jirriversja, kellhu anzi jibqa jsuq il-quddiem waqt li jdawwar lejn il-lemin.

Ghalhekk l-ispjegazzjoni logika ghall-fatt li l-vettura tal-attur kienet ghadha ma ssorpassatx il-parkegg meta saret il-habta tinsab jew f'nuqqas ta perizja fis-sewqan ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija jew hija dik illi effettivament meta l-attur waqaf fil-karreggjata kien **waqaf oltre il-'parking area'** u biex jista' jiehu postu fil-'parking area' kien indjetregga l-vettura tieghu kif jammetti li ried jaghmel.

Minn dawn l-alternattivi, billi l-attur dejjem insista li kien deciz li jidhol fil-parkegg u mhux jindjetregga biss bix javvicina l-'bus-stop', il-Qorti hija propensa li taccetta l-versjoni ta' l-konvenuta u tikkonkludi li, meta saret il-habta, l-attur kien qieghed jindjetregga gol-karreggjata tal-lemin tat-triq principali u dana jmur kontra kull principju ta' sewqan regolamentari u prudenti.

Infatti l-manuvra li ghamel l-attur hija manuvra azzardata u bla kont u ghalhekk ghandhu jigi tenut unikament responsabbli ghall-kollizzjoni mal-vettura tal-konvenuta warajh.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghdha tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------